MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

**9 ta' Jannar 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):

John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**

Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is -Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, u s-Sinjura Marie Claire Zammit. Is- Sinjura Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti u s-Sur John Borg kien assent b'apoloġija.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien preżenti.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenta

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

**59.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

59.1.1 Is Segretarju Eżekuttiv is- Sur Neil Spiteri ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur John Borg. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija b'mod unanimu.

**59.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal minuti**

59.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 58 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom, dawn gew issekondati mis- Sur John Mizzi u approvati unanimament.

**59.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

59.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi Trasport Malta qed jipproponu li *Naxxar Road* issir *one way* l-isfel kollha. Il- Kunsill ma qabilx mal-proposta għax tkun tfisser daqqa lil tal-ħwienet.

59.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi kif il-kunsill kien ta garaxx lill-kazin tal-Bagri issa peress li hemm garaxx vojt il-kunsill għandu jagħti garaxx lill-kazin tal-Għama. Kamra waħda li hemm fil bitħa għandha tingħata lill-kumitat ta' Borgia. Apparti minn hekk hemm żewġ kmamar fl-istazzjon li kienu jaqgħu taħt l-Enemalta u issa waqgħu ghand il-Kunsill. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet li l-kunsill jagħti dawn il-kmamar lill-għaqdiet, żgur li waħda minnhom lill-kumitat tan-nar. Ma kienx hemm oġġezzjoni pero' l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi qabel naraw mal-Perit jekk is-soqfa tal-kmamar fl-istazzjon humiex ikkundannati jew le.

**59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

59.4.1 Is Segretarju Eżekuttiv qal li wasal iż-żmien tar-*renewal* tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa għall-Kunsilliera u staff. Il-Kunsill qabel li jġedded din l-assikurazzjoni. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech staqsiet jekk il-ħaddiema tal-*community work scheme* humiex assikurati jew le ħalli fil-każ jiddaħħlu fiha huma wkoll. Il-Kunsill qabel nem. con.

59.4.2 Il-Kunsillier is- Sur Michael Fenech Adami staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar it-tender ta' l-*istreet lighting* u meta se jagħlaq, u dan minħabba l-fatt illi hemm imbuttatura illi dawn it-tip ta' tenders jaqgħu taħt ir-reġjuni. Ġew diskussi numru ta' opzjonijiet - jew il-Kunsill joħroġ tender individwali, jew inkella t-tender joħroġ taħt ir-reġjun. Peress illi t-tender se jiskadi din is-sena, f'Mejju, ġie deċiż b'mod unanimu illi għal din is-sena jerġa' jiġġedded, ħalli naraw x'ser jiġri. Madankollu l-Kunsill jaqbel in teoria illi dan it-tender jibqa' jinħareġ b'mod individwali.

**59.5 Budget preliminarju 2017**

59.5.1 Il-konsulent finanzjarju is-Sur Christian Vella daħal fil-kamra tal-kunsill fis-6.40 ta' fil-għaxija u beda jitkellem dwar il-budget 2017. Huwa ħejja rapport preliminarju ħalli jekk hemm qbil, jgħaddi għal-laqgħa annwali.

59.5.2 Il-Kunsillier is- Sur Michael Fenech Adami ssuġerixxa li jiġu emendati xi figuri dwar it-tindif tal-latrini u fir-rapport nibqgħu nassumu li se ndaħħlu l-fondi tar-reġjun. Kien hemm qbil illi dawn il-figuri jinbidlu u l-konsulent se jemenda r-rapport.

**59.6 Data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali u laqgħa dwar Bye-Law Ħamiem**

59.6.1 Is Segretarju Eżekuttiv qal li kif kien spjega fl-aħħar laqgha li għaddiet għandna nsibu data għal Laqgħa Annwali tal-lokalita'. Il-Kunsill talab lis-Segretarju jagħti data hu imbagħad jinforma lill-Kunsill.

59.6.2 Is Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Bye-Law* tal-Ħamiem ser tigi imqajma fil-laqgħa annwali wkoll.

**59.7 Proġett ta' Farsons PA2764/16**

59.7 Is- Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li mill-proġett ta' Farsons il-Kunsill qed jitlob planning gain biex biha isir il-ġnien ta' quddiem Farsons hemm kif taqsam Triq Notabile. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech innominat lil-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg bħala rappreżentant tal-kunsill fuq il-kumitat li se jiddeċiedi din l-applikazzjoni. Il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2017.

Il-Kunsillier is- Sur Mark Abdilla ħareġ mill-Kamra fis-7.05 ta' fil-għaxija.

**59.8 Partnership "Observe In Action"**

59.8 Fis-7.10pm daħal fil-Kamra s-Sur CJ Saliba li kien mistiden tal-Kunsill biex jitkellem dwar proposta ta' *youth exchange* ma' l-Ażerbajġan. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni illi nagħtu l-*backing* tagħna għal din l-inizzjattiva.

**59.9 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

58.8.1 Tressqet għall-approvazzjoni l-iskeda ta' pagamenti 43 u l-iskeda tal-*Petty Cash*. Ma kienx hemm mistoqsijiet. Fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, ssekondata mill-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit, il-Kunsill approva l-pagamenti b'mod unanimu.

**58.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.29pm u b'aġġornament għas-6 ta' Frar 2017.

Konfermati, illum 6 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |